Verżjoni Elettronika



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,976, 16 ta' Diċembru, 2022*
*Taqsima B*

**A.L. 346 tal-2022**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali**

3. L-ordinament 4 tal-ordinament prinċipali għandu jitħassar.

**In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 5 sa 18 tal-ordinamenti prinċipali**

4. L-ordinamenti 5 sa 18 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala ordinamenti 4 sa 17.

**L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali**

5. Minflok l-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"13. L-istudenti li daħlu skont l-ordinament 4, li jkunu temmew b'suċċess il-kors tas-Certificate in Clinical Nursing Practice bl-istess qasam ta' studju li għalih ikunu qegħdin jiġu aċċettati, jitħallew jittrasferixxu t-taqsimiet studju li għaddew minnhom matul il-kors taċ-Ċertifikat għall-kors li jwassal għall-Grad bil-kundizzjoni li jirrinunzjaw iċ-Ċertifikat."